TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 32/13/GB

**Maria Elvira Xuereb**

**vs**

**Kenneth Camilleri ezercenti l-kummerc bhala Mr Lee Waterproofing**

Illum 12 ta' Marzu 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-1 ta' Frar, 2013, fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' elf erbgha mija u hamsin Ewro (€1,450.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset lill-intimat ghal 'liquid membrane' u t-tqeghid ta' l-istess, liema 'liquid membrane' kien difettuz u/jew ma tqeghidx sew.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kellha l-ilma tax-xita diehel mis-saqaf, u ghalhekk riedet taghmel 'liquid membrane' fuq il-bejt. Rat riklam fuq magazine kif ukoll fuq it-television, tas-servizzi ta' l-intimat, fejn dan deher professjonali u ntqal illi l-ewwel imorru jnaddfu u jahslu l-bejt ghaliex fuq ix-xott ma jaqbadx. Ir-rikorrenti cemplet lill-intimat fejn huwa stess marret fuq il-post u ta lir-rikorrenti stima ta' elf erbgha mija u hamsin Ewro (€1,450.00), u r-rikorrenti accettat. L-intimat baghat lavrant fuq il-post, fejn wara siegha u nofs huwa kien diga' lest u nizel. Huwa kien qal lir-rikorrenti sabiex ma titlax tirfes fuqu sakemm jinxef, u ghalhekk hija ma telghatx tittawwal. Wara ftit kien mar l-intimat fuq il-post biex jigbor il-lavrant u fl-istess hin jithallas. F'dan il-punt, l-intimat kien rega' ta l-istima ta' elf erbgha mija u hamsin Ewro

(€1,450.00) lir-rikorrenti, pero' hija qaltlu li kienet kejlet u li ma kienitx qed taqbel fuq il-prezz. Barra minn hekk, meta r-rikorrenti telghat fuq il-bejt, hija sabet dizastru ghaliex il-lavrant la kien kines u lanqas hasel. Kemm ta passata fuq il-hmieg u l-haxix, fejn kien qal li dak ghalxejn taqalghu ghax jerga' jikber. Il-membrane ma kienx qabad ghaliex kien infetah kollu, bicciet tqaxxru u issa qed jimmoffa u l-ilma diehel xorta. Ir-rikorrenti kienet informat lill-intimat illi ma kienx ghamel xoghol sewwa fejn u kien telaq il-barra.

Ir-rikorrenti qieghda titlob illi tinghata l-flus lura stante x-xoghol hazin li sar, u anke li l-intimat ihallas l-ispejjez l-ohra li r-rikorrenti ha tehel biex jinqala' x-xoghol hazin u tigi ttrattata l-moffa li nholqot bix-xoghol hazin.

Ir-rikorrenti ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

1. Preliminarjament, it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda u dana peress illi l-konsumatur ma jistax jitlob r-rimedji minnu pretiz u dana stante li huwa naqas li jottempora ruhu mal-Artikolu 79(1) u (2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress li r-rikorrenti naqset li tavza bil-miktub (ossija permezz ta' att gudizzjarju u/jew ittra registrata) lill-intimat fi zmien xahrejn meta intebhet bl-allegat difett.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda u dana stante li t-talbiet taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

3. Illi l-intimat ma ghandux ibaghti spejjez.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tistqarr illi l-membrane nqala' kollu wara ftit gimghat u ghalkemm kienet sthaqqitlu, taht il-gagga m'ghamlux. Kien mar wiehed mil-lavranti tal-intimat biex jirranga d-difett izda l-membrane xorta baqa' minfuh. Ir-ritratti li ezebiet kienu mehuda wara li l-lavrant kien mar jaghmel it-tiswija.

Ir-rikorrenti ezebiet certifikat datat 29 ta' April 2013 u ffirmat mill-Perit Mannie Galea, li gie mmarkat bhala Dok.MEX1.

In kontro-ezami, ir-rikorrenti, bl-istess gurament stqarret illi ma titlax fuq il-bejt. Hi kienet staqsietu jekk xarrbu l-bejt jew le fejn hu kien qalilha li huma mhux soltu li jxarbuh.

Xehed Anthony Caruana, prodott mir-rikorrenti, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr illi huwa hu r-rikorrenti, u li ohtu hija armla u ghalhekk meta l-intimat kien ghamel ix-xoghol, ir-rikorrenti kienet staqsietu biex jilta' jara. Dan kien l-ghada jew gurnata wara. Stqarr ukoll illi qabel ma ghamlu x-xoghol, il-bejt ma tnaddafx u li ma kienux ghamlu membrane taht il-gagga. Il-lavrant kien rega' mar fuq il-post biex jirranga l-hsara. Zewg passati ma sarux. Kien qed jaghti passata wahda fuq kollox.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat fix-xhieda guramentata tieghu rega' kkonferma l-verzjoni tiegh bil-miktub, fejn zied jistqarr illi r-rikorrenti ma rieditx li jirrangaw, pero' minkejja dan kollu l-intimat xorta wahda kien mar ghand ir-rikorrenti biex jara fuq hiex kien l-ilment, fejn sab bhal hziez li normalment jitilghu meta l-bejt ikun xorob hafna ilma u minhabba haxix hazin li ma teqirdu b'xejn. Mar l-intimat u l-lavrant tieghu biex isewwu, pero' hu r-rikorrenti ma hallihomx ikomplu.

In kontro-ezami, l-intimat, bl-istess gurament stqarr illi l-lavrant tieghu dejjem jaghmel ix-xoghol hu. L-intimat mar biex jaghmel l-istima. Ikkonferma illi r-rikorrenti dejjem mieghu lmentat u li huwa mar kull darba. Stqarr ukoll illi huwa normali li johorgu d-difetti li hargu wara ftit gimghat li sar ix-xoghol.

Xehed Eman Ciantar, prodott mis-socjeta' ntimata, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr illi huwa kien hadem ghand ir-rikorrenti u li hu mpjegat ta' l-intimat. Ikkonferma illi l-bejt kien naddfu qabel ma beda x-xoghol u meta lesta, ix-xoghol deher li kien sewwa.

In kontro-ezami, l-istess xhud stqarr illi l-ewwel darba dahal wahdu izda hu r-rikorrenti ma halliehx u f'dak il-hin kien cempel lill-intimat. Ikkonferma illi huwa kien nehha l-haxix hazin qabel ma beda jahdem.

It-Tribunal sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

It-Tribunal ha konjizzjoni ta' l-eccezzjoni ssollevat mill-intimat li ma kienx ircieva n-notifika bil-miktub fi zmien xahrejn ai termini tal-Artikolu 79(1) u (2) tal-Kap. 378. Ghalkemm jirrizulta li fil-fatt tali notifika ma saritx, jirrizulta li fit-terminu ta' xahrejn il-konsumatur kienet avvicinat lill-intimat sabiex tavzah bid-difett minnu riskontrat u fil-fatt l-istess intimat kien, fl-istess terminu, anki had passi sabiex jaghmel xi xoghol rimedjali. Ghalhekk l-intimat ma jistax jghid illi hu ma kienx gie nformat tempestivament dwar il-

problema riskontrat mir-rikorrenti. It-Tribunal jifhem illi l-Artikolu 79(1) u (2) qieghed hemm sabiex ma jesponix lin-negozjant espost ghal perijodu inordinat ta' zmien u anki sabiex jekk ikun hemm xi rimedji li jkunu jistghu isiru dawn isiru tempestivament: jekk hemm hsara forsi jkun iktar facli li tissewwa llum milli ghada. Il-prova tan-notifika bil-miktub hija intiza sabiex tizgura li x-xahrejn gew rispettati. F'dan il-kaz jirrizulta li l-intimat gie avzat tempestivament u ma sofra l-ebda pregudizzju bil-fatt li ma giex notifikat bil-miktub. Zgur illi l-Artikolu 79(1) u (2) mhux qieghed hemm sabiex jaghti skuza facli lin-negozjant li jehles mill-obbligi tieghu taht il-ligi. La darba irrizulta li l-intimat gie nformat fit-terminu ta' xahrejn u anki ipprova jaghmel xogholijiet rimedjali fl-istess terminu, it-Tribunal iqis li n-nuqqas ta' notifika bil-miktub m'ghandux iwassal sabiex it-talba tar-rikorrenti tigi michuda. Ghalhekk, it-Tribunal sejjer jichad l-eccezzjoni sollevata mill-intimat.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ihoss illi huwa ngust ma' kwalunkwe negozjant illi wara li l-konsumatur jilmenta fuq xi difett, tali negozjant ma jithalliex jaqdi dmirijietu billi jsewwi l-istess difett. Illi nonostante l-fatt illi mill-provi prodotti, jirrizulta illi kien hemm nuqqas fis-servizzi ta' l-intimat fil-konfront tar-rikorrenti konsumatur, dan ma jeskludix l-obbligu tar-rikorrenti illi tippermetti lill-intimat jaghmel kull tip ta' xogholijiet riparatorji neċessarji. Illi ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' sebgha mija hamsa u ghoxrin Ewro (€725.00) lir-rikorrenti, b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**